Parroċċa Qalb bla tebgħa ta' Marija

Burmarrad

Nº: 34/17

**AVVIŻI**

**20 ta' Awwissu 2017**

Minħabba xi xogħol li sa jsir fil-Knisja matul din il-ġimgħa l-quddies kollu sa jsir fil-*crying room* mit-Tnejn sal-Ġimgħa filgħodu. Dħul mill-bieb tal-ġenb. Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu filgħodu sa jsir it-tindif tal-Knisja. Grazzi lil dawk li sa jagħtu daqqa t'id lill-grupp li matul is-sena kollha jieħu ħsieb li l-knisja tinżamm nadifa.

Nhar is-Sibt 26 ta' Awwissu fil-Bażilka ta' San Franġisk f'Assisi żewġ novizzi Maltin sa jsiru patrijiet billi jagħmlu l-Professjoni Sempliċi fl-Ordni tal-Franġiskani Konventwali. Dawn huma fra Robert Calleja minn Birkirkara u fra Michael Grech mill-parroċċa tagħna. Nirringrazzjaw lil Alla għal dawn il-vokazzjonijiet u nitolbu għalihom biex jgħixu b'fedeltà s-sejħa tagħhom.
Is-Sibt ta' wara, 2 ta' Settembru, sa nkunu qed nilqgħu fostna li fra Michael fil-quddiesa tas-7pm. Il-preżenza ta' kull wieħed u waħda minna tkun apprezzata.